



Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15222/22

LIMITE

JUSTCIV 162
FREMP 249
AUDIO 124
JAI 1551
CODEC 1836

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0117(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	15159/22
Suġġett:	Proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. SITWAZZJONI ATTWALI

1. Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika" (SLAPP))¹ u r-Rakkomandazzjoni komplementari dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")².

¹ 8529/22 + ADD1

² C(2022) 2428 final

2. Il-proposta għal Direttiva hija waħda mill-inizjattivi previsti fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea³ bl-għan li jissaħħu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media. Imsejsa fuq l-Artikolu 81(2)(f) TFUE, hija tipprovdi lill-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħra li jieħdu sehem b'mod attiv f'dibattitu pubbliku bl-għodod legali xierqa biex jipproteġu lilhom infushom minn kawżi bl-għan li jintimidawhom u jsikktuhom. Id-Direttiva hija maħsuba biex tipprovdi salvagwardji proċedurali fi proċedimenti ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-kumitat responsabbli għall-proposta huwa l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), filwaqt li l-kumitat ta' opinjoni huwa l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Ir-rapporteur għad-dossier huwa Tiemo Wölken.
4. Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ l-opinjoni⁴ tiegħu dwar il-proposta.
5. Fil-Kunsill, l-analiżi tal-proposta qed titwettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (minn hawn 'il quddiem il-"Grupp ta' Ħidma SLAPP"). Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma SLAPP tat-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għad-Direttiva kontra s-SLAPP, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja u r-Rakkomandazzjoni kontra s-SLAPP.
6. L-analiżi artikolu b'artikolu tal-proposta beda matul il-Presidenza Franċiża u kompla matul il-Presidenza Ċeka fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-25 ta' Lulju 2022. Sabiex jiġi ffaċilitat l-abbozzar tat-test ta' kompromess dwar il-Kapitoli I u II, il-Kummissjoni ħarġet dokument informali li jipprovdi aktar kjarifiki u spjegazzjonijiet dwar punti speċifiċi identifikati mill-Presidenza, li ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tad-9 ta' Settembru 2022.

³ COM(2020) 790 final

⁴ SOC/734-EESC-2022

7. Matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma SLAPP tal-10 ta' Ottubru 2022, il-Presidenza, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ippreżentat it-test rivedut tal-Kapitoli I u II (Dispożizzjonijiet ġenerali u Regoli komuni dwar salvagwardji proċedurali). It-test ta' kompromess ġie diskuss f'żewġ laqgħat sussegwenti tal-Grupp ta' Ħidma u wara nħarġu żewġ verżjonijiet riveduti.
8. Minħabba l-interkonnessjonijiet qawwija bejn id-dispożizzjonijiet fl-ewwel erba' Kapitoli, il-Presidenza kompliet in-negozjati dwar il-Kapitoli III u IV (Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati u Rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi). Il-Presidenza ħarġet dokument informali biex iservi bħala bażi għas-suġġerimenti ta' abbozzar tal-Istati Membri għat-test ta' kompromess. Matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma SLAPP tat-22 ta' Novembru, il-Presidenza ppreżentat l-ewwel proposta ta' kompromess tagħha dwar il-Kapitoli III u IV.
9. Filwaqt li jenħtieġu aktar diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma sabiex jiġu akkomodati l-fehmiet tal-Istati Membri, matul it-tmien laqgħat iddedikati tal-Grupp ta' Ħidma li saru sa issa sar progress konsiderevoli fuq ħafna kwistjonijiet sostanzjali u tekniċi.
10. L-ewwel, it-test ta' kompromess għandu l-oġġettiv li jiżgura li l-għan tad-Direttiva – li jiġu ffaċilitati l-proċedimenti ċivili f'sitwazzjonijiet b'implikazzjonijiet transfruntieri sabiex jiġu protetti l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħra kontra s-SLAPP – ikun rifless aħjar fid-dispożizzjonijiet tal-proposta u ma jwassalx għal abbuż fejn rikorrent ikollu talba leġittima. Għal dan l-għan, it-test ta' kompromess ikompli jiċċara l-kunċetti ta' talbiet manifestament infondati u proċedimenti ġudizzjarji abbużivi, u l-fatt li s-salvagwardji proċedurali li minnhom jista' jibbenefika l-konvenut jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Huwa jiddefinixxi aħjar ukoll il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva billi joffri aktar spjegazzjonijiet u eżempji fil-premessi dwar il-kunċetti ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħra u l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni pubblika li jistgħu jinvolvu ruħhom fihom. It-test ta' kompromess jindika li l-protezzjoni adegwata kontra l-abbuż tal-miżuri skont id-Direttiva għandha tinkiseb billi tingħata diskrezzjoni suffiċjenti lill-qrati nazzjonali meta jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri f'kawżi partikolari.

11. It-tieni, l-Istati Membri esprimew tħassib dwar l-impatt li d-Direttiva jkollha fuq il-leġislazzjoni proċedurali nazzjonali, b'mod partikolari dwar il-proċedimenti kriminali. Fit-test ta' kompromess, il-Presidenza ċċarat li d-Direttiva ma tistabbilixxi regoli dwar il-proċedura kriminali, f'konformità mal-bażi legali l-Artikolu 81(2)(f) TFUE.
12. Fl-aħħar nett, xi Stati Membri esprimew tħassib dwar il-fatt li d-definizzjoni ta' materji b'implikazzjonijiet transfruntieri stabbilita fit-tieni paragrafu tal-proposta tal-Kummissjoni tista' twassal għal interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett. Il-Presidenza għalhekk ipproponiet erba' opzjonijiet ta' abbozzar alternattivi rigward materji b'implikazzjonijiet transfruntieri. Minħabba li l-ebda opinjoni prevalenti tal-Istati Membri favur xi waħda mill-opzjonijiet ta' abbozzar proposti ma setgħet tiġi identifikata fil-livell tekniku f'dan l-istadju, il-kwistjoni tal-implikazzjoni transfruntiera tibqa' waħda ta' tħassib għall-Grupp ta' Hídma.

II. APPROĊĊI TA' POLITIKA SSUĠĠERITI

13. Filwaqt li l-Istati Membri b'mod ġenerali appoġġaw l-għan tad-Direttiva li tiffaċilita l-proċedimenti ċivili sabiex jiġi protett id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika, huma indikaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri kontra s-SLAPP ma jipprekludux talbiet leġittimi milli jitressqu quddiem il-qrati, b'mod li jikser l-aċċess tar-rikorrent għall-ġustizzja.
14. L-ewwel, l-Istati Membri ddikjaraw li s-salvagwardji proċedurali previsti fid-Direttiva għandhom ikunu mmirati bir-reqqa u f'konformità mad-dritt ta' proċess ġust, sabiex jiġi eliminat ir-riskju ta' abbuż mill-konvenuti li d-Direttiva għandha l-għan li tipproteġi. It-tieni, it-test tad-Direttiva għandu jenfasizza li l-qrati jeħtieġ li jwettqu eżami xieraq ta' kawża qabel ma jwaqqgħuha bħala manifestament infondata jew jagħtu wieħed mir-rimedji previsti fil-proposta għal proċedimenti ġudizzjarji abbużivi. L-Istati Membri indikaw li dawk li deliberatament ixerrdu d-diżinformazzjoni unikament sabiex jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni ta' xi ħadd ma għandhomx jingħataw protezzjoni skont id-Direttiva.

15. L-Istati Membri b'mod ġenerali laqgħu it-tiġib li sar mill-Presidenza fit-test tal-proposta u l-approċċ aktar ibbilanċjat fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni. Madankollu, xi wħud mill-Istati Membri komplew jenfasizzaw l-importanza tad-dritt għal rimedju effettiv u tennew li l-miżuri kif proposti mid-Direttiva ma għandhomx jiġu abbużati għad-detriment ta' rikorrenti li jressqu talbiet leġittimi.
16. B'kont meħud tal-prinċipju li mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox, il-Presidenza hija tal-fehma li d-diskussjonijiet fil-livell politiku ser jiffaċilitaw il-ħidma futura dwar id-Direttiva.

Mistoqsija:

Fid-dawl tal-progress li sar fil-livell tekniku, il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar jekk id-Direttiva għandhiex tipprevedi salvagwardji adegwati kontra l-abbuż ta' proċedimenti ċivili miġjuba għall-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew il-penalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm id-dritt għal aċċess effettiv għall-ġustizzja.
